BIRŻEBBUĠA

"Dar Birżebbuġa" Triq Santa Marija - Birżebbuġa Tel: 21650165 Email: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto: **PAĊI U SAĦĦA LIL KULĦADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 08/14 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn 25 t' Awwissu 2014 fil-5.30pm.**

| Preżenti | Membri |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino** |
| | **Is-Sur Kevin Barun** |
| | **Is-Sur Carmelo Cachia** |
| | **Is-Sur Charles Muscat** |
| | **Sinj. Bernadette Pace** |
| | **Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Marthese Parascandalo** |

**AĠENDA 1**

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 07/14 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. Wara li saru xi korrezzjonijiet, is-Sur S. Zammit ippropona u s-Sur C. Muscat issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 07/14 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

**AĠENDA 2**

01/08 Kien hemm talba mill-Perit Daniel Micallef għan-nom tas-Sur V. McIntyre biex il-Kunsill jagħtih 'No Objection Letter' għall-bini ta' Kiosk fuq il-pjattaforma tal-konkrit li diġa teżisti in-naħa ta' Wied il-Buni. Il-Kamra ma setgħetx taqbel, għalhekk kellu jittieħed vot u t-talba ma ntlaqgħatx b'erba' voti kontra, wieħed favur u tnejn li astjenew. Għalhekk il-Kunsill ta risposta li se jżomm mar-riżoluzzjoni li dejjem żamm magħha li ma jintlaqgħux dan it-tip ta' talbiet ta' żvilupp mad-dawra tax-xatt.

02/08 Kien hemm talba mis-Sur O. Pace mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta biex il-Kunsillieri jagħtu l-opinjoni tagħhom fejn jistgħu jsiru l-waqfiet tal-operaturi tal-Hop On Hop Off route buses fin-Nofsinhar ta' Malta. Peress li ntalbu tliet waqfiet prinċipali, il-Kunsillieri qablu fuq il-Monument ta' Bush u Gorbachev, Misraħ Il-Knisja u l-Bajja s-Sabiħa.

03/08 Kien hemm talba mis-Sinjura C. McCarthy, li ġabret ammont ta' firem mir-residenti; biex Triq San Gwann, bejn Triq Iż-Żurrieq u Triq San Edwardu, issir one-way. Din it-talba saret sforz il-periklu li jinħoloq minħabba sewqan irresponsabbli. Il-Kunsill ma laqgħax din it-talba għar-raġuni li jekk isir dan il-pass, it-traffiku numeruż li ġġorr din it-triq peress li hija it-tieni 'main road' ta' Birżebbuġa, jiġi kollu dirett lejn ix-xatt tal-Bajja s-Sabiħa u dan joħloq ħafna nkwiet u konfużjoni.

04/08 Kien hemm talba mingħand is-Sur C. Caruana, f'ismu u għan-nom tar-residenti, biex quddiem id-daħla tal-Waterpolo Pitch isiru ħdax -il 'parking bay' għar-residenti minflok roqgħa ħamrija eżistenti u xi tip ta' 'stopping bay' bil-ħin li r-residenti jkunu jistgħu jużaw meta ma jsibux parking biex iħottu l-affarijiet mill-karozzi tagħhom jew iniżlu tfal żgħar jew anzjani u mbagħad imorru jfittxu parking banda oħra. Is-Sindku issospenda l-laqgħa għal għaxar minuti biex is-Sur Caruana u resident ieħor li kienu preżenti għal-laqgħa, jippreżentaw xi punti importanti dwar dawn iż-żewġ talbiet. Meta kompliet il-laqgħa, il-Kunsillieri qablu li rigward il-'parking bays' il-ġodda, il-Perit tal-Kunsill jiġi mitlub li jiddiskuti mal-Perit inkarigat mill-bini tal-Waterpolo Pitch il-ġdid biex jiftehmu dwar il-proġett għall-parking li hemm maħsub ħalli ma jintilfux finanzi fix-xejn għax isir xogħol doppju. Rigward il-'parking bay' bil-ħin, ġie deċiż li jintalab parir minn Transport Malta biex naraw tistax issir xi ħaġa.

05/08 Kien hemm talba mill-Vodafone biex il-Kunsill joħrog 'No Objection Letter' biex jiġu bil-Mobile Unit tagħhom fis-27 ta' Settembru 2014. Il-Kamra qablet.

06/08 Kien hemm talba mill-kumpanija JGC li ħadet ħsieb li tagħmel il-bandli l-ġodda tal-Bajja s-Sabiħa u ta' San Gorg, biex il-garanzija tal-bank, li kienet se tagħlaq fl-10 ta' Settembru 2014, ma tiġix imġedda peress li x-xogħol kien sar u kien għad fadal biss li jiġu maħruġa il-'Bill of Quantities' mingħand il-Perit. Il-Kunsill ma laqgħax din it-talba.

07/08 Il-Kamra kienet ġiet infurmata qabel permezz ta' e-mail, li fuq l-applikazzjoni tal-LEAP – Hosting Organisation Scheme, ġew mitluba tliet ħaddiema fuq 40 siegħa fil-ġimgħa għal tmien xhur. It-talba saret għal żewġ persuni Customer Care u persuna bħala handy person/storekeeper/driver. Il-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni.

**AĠENDA 3**

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-kwotazzjonijiet u l-offerta pubblika għal :

- Offerta Pubblika Nru. 03/14 – Servizz ta' Contracts Manager

Ġie deċiż li peress li kien hemm offerent wieħed biss din tiġi diskussa fis-Seduta li jmiss minħabba li kien hemm ammont sostanzjali ta' kwotazzjonijiet biex jinfetħu.

- Kwotazzjoni Nru. 01/14 – Provvista ta' Cold Asphalt:

| Isem | Kwotazzjoni Nru. | Item Number 1 |
|---|---|---|
| Central Asphalt Limited | 1 | €89.26 kull tunnellata |

Il-Kamra qablet li jiġi aċċettat dan l-offerent.

- Kwotazzjoni Nru. 02/14 – Servizz ta' Trasport għall-Anzjani

| Isem | Kwotazzjoni Nru. | Item Number 1 | Item Number 2 | Item Number 3 |
|---|---|---|---|---|
| Paramount Coaches Mosta | 1 | Vann normali 12 seater: €38.00 | Karozza: €38.00 | Vettura mgħammra b'lifter: €38.00 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li din l-offerta hija għolja wisq għall-finanzi tal-Kunsill u ġie deċiż li terġa' toħrog it-talba għall-kwotazzjonijiet.

- Kwotazzjoni Nru. 03/14 – Provvista ta' Żebgħa

| Isem | Kwot. No. | Item 1 | Item 2 | Item 3 | Item 5 | Item 6 | Item 7 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Charles Ironmongery | 1 | Hempel Gloss Enamel 1.0 Ltr: €6.35 | Hempel Gloss Enamel 2.5 Ltr: €13.70 | Hempel Gloss Enamel 5.0 Ltr: €25.00 | Bartoline Smooth Exterior White 10.0 Ltr: €45.65 | Macpherson (Light/ Medium Shades) Smooth Exterior Colour 10.0 Ltr: €62.50 | Macpherson (Deep Shades) Smooth Exterior 10.0 Ltr: €71.50 |
| Coleiro General Supplies | 2 | Maxmeyer Gloss Enamel 1.0 Ltr: €15.22 | Maxmeyer Gloss Enamel 2.5 Ltr: €34.96 | Maxmeyer Gloss Enamel 5.0 Ltr: €62.14 | Rossetti Smooth Exterior White 10.0 Ltr: €34.10 | Rossetti Smooth Exterior Colour 10.0 Ltr: €40.12 | N/A |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li fejn jidħol il-Gloss Enamel, tiġi milqugħa l-offerta ta' Offerent Nru. 1 - Charles Ironmongery u fejn tidħol is-Smooth Exterior Paint, tiġi milqugħa dik ta' Offerent Nru. 2 - Coleiro General Supplies.

- Kwotazzjoni Nru. 04/14 - Provvista ta' Żebgħa tat-Toroq

| Isem | Kwot. Nru. | Item 1 | Item 2 |
|---|---|---|---|
| Charles Ironmongery | 1 | Hempel White Road Paint, 20 Ltr: €121.00 | Hempel Yellow Road Paint, 20 Ltr: €147.00 |
| Coleiro General Supplies | 2 | Trimite White Road Paint, 20 Ltr: €90.27 | Trimite Yellow Road Paint, 20 Ltr: €90.27 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li qabel tapprova din l-offerta jkun aħjar jekk jiġu ippruvati s-samples taż-żebgħa.

- Kwotazzjoni Nru. 05/14 – Provvista ta' Photocopy Paper

| Isem | Kwot. Nru. | Item 1 | Item 2 |
|---|---|---|---|
| Golden Gate | 1 | A4: €13.60 | A3: €12.43 |
| Smart Office Supplies | 2 | A4: €13.27 | A3: €12.98 |
| Sidonia | 3 | A4: €12.63 | A3: €10.62 |
| Oswald Arrigo Ltd. | 4 | A4: €13.85 | A3: N/A |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tigi milqugħa l-offerta ta' Offerent Nru. 3 – Sidonia peress li kien l-orħos wieħed.

**<u>AĠENDA 4</u>**

Kien hemm talba għall-kwotazzjonijiet għat-tabelli tat-traffiku mingħand tliet kumpaniji differenti. Mingħand kumpanija minnhom ma kellniex risposta u kumpanija oħra ma tieħux ordnijiet għal numru żgħir ta' tabelli. L-uniku offerta li l-Kunsill irċieva kienet mingħand il-KOPTASIN fejn wara diskussjoni, ġiet aċċettata nofs il-kwotazzjoni għat-tabelli li kienu urġenti u għall-bqija tat-tabelli ġie deċiż li jerġgħu jintalbu kwotazzjonijiet mingħand kumpaniji oħra.

**<u>AĠENDA 5</u>**

Il-Kunsillieri kienu diġa rċevew id-draft tal-Bye-Law għar-Riklami fuq l-Għamara tat-Toroq permezz ta' e-mail u ġew mitluba jagħtu l-opinjonijiet u suġġerimenti tagħhom. Is-Sur K. Barun issuġġerixxa skeda ta' ħlasijiet totalment differenti minn dik li kien hemm fid-draft u dawn ġew aċċettati mill-Kamra. Is-Sur S. Zammit kellu suġġerimenti rigward il-maintenance tal-istess għamara, permessi meħtieġa u biex il-kuntrattur jiżbarazza wara li jagħlaq il-kuntratt. Il-Kamra qablet li wara li dawn is-suġġerimenti jiġu nkorporati fid-draft, terġa' titla' Seduta għall-approvazzjoni.

**<u>AĠENDA 6</u>**

Wara li ħadet parir mill-Uffiċċju tal-HR tad-DLG, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kamra li setgħu jiftħu sejħa interna għal EO Skala 13. Uħud mill-Kunsillieri qalu li m'hemmx għalfejn issir din is-sejħa interna għax din il-klerk tista' ssir Skala 13 minn Skala 15 permezz ta' 'progression' normali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kamra li se tivverifika dan il-fatt.

**<u>AĠENDA 7</u>**

Tressqet fuq il-mejda l-iskeda tal-pagamenti u l-'purchase requests' tagħhom, għax-xahar ta' Lulju 2014. Ma kien hemm l-ebda mistoqsija dwar l-iskeda u l-Kamra approvat is-somma ta' €29,953.11, skont skeda numru: 07/14.

**AĠENDA 8**

1. **Il-Viċi-Sindku is-Sur K. Barun, issuġġerixxa li:**

- tingħalaq Triq San Patrizju għall-okkażżjoni tal-Move Week nhar il-Ħadd, 5 t'Ottubru għal madwar siegħa fis-7 ta' filgħaxija. Il-Kamra qablet.
- tintalab stima biex jinkera s-servizz ta' romblu biex jiġi rranġat il-wiċċ tal-grawnd tal-futbol tal-Bajja s-Sabiħa. Il-Kamra qablet.
- jittella' ħajt baxx minħabba l-periklu li tippreżenta lis-sewwieqa Triq Dun Ġorġ Żammit, meta jkun dalam. Il-Kunsillieri qalu li hemm għandu jsir żvilupp fil-bini għalhekk, jekk jittella' dan il-ħajt ikun ħela ta' riżorsi. Ġie issuġġerit li jitpoġġew barriers tal-konkos minflok ma jittella' ċint.
- jibdew jaħsbu għal 'Jum Birżebbuġa' għax iż-żmien qed jgħafas u li dan għandu jsir għall-aħħar t'Ottubru. Il-Kamra qablet.

2. **Il-Kunsillier is-Sur J. Baldacchino issuġġerixxa li:**

- tinkiteb ittra lill-Onor. Roderick Galdes fejn il-Kunsill jistaqsi x'kien ir-riżultat tat-taħdidiet li l-Kunsill kellu fil-laqgħat li saru rigward il-Winchroom li hemm fejn il-pont tas-sajjieda f'Dawret il-Qalb Imqaddsa.

3. **Il-Kunsillier is-Sur C. Cachia issuġġerixxa li:**

- il-Perit William Lewis jiġi mistoqsi fejn wasal ix-xogħol fuq il-pjanta tat-taraġ li jiġi faċċata ta' Triq id-Duluri.
- jerġa' jiġi ikkuntattjat l-uffiċċju tas-Sanita' dwar l-iskart u l-ħmieg li dejjem jakkumula quddiem id-dar ta' Caruana f'Misraħ is-Summit u anki quddiem il-Villa taċ-Cherries tal-Bajja s-Sabiħa.
- jiġu kkuntattjati il-Cleansing Services Department għaliex il-boroż taż-żibel li jinġabar minnhom ma kienux qed jiġu miġbura regolarment. Is-Sindku infurmah li kellhom il-ħsara fit-trakk imma ġie rranġat.
- il-Wasteserv tipprovdi il-Kunsill bil-bramel taż-żibel minflok il-bins tal-'Bring-in-Site' li tneħħew.

4. **Il-Kunsillier is-Sur S. Zammit wassal din l-informazzjoni u suġġerimenti:**

- is-sidien tal-gabbani tal-festa se jingħataw lura €9.00 kull wieħed li kienu baqgħu żejda wara li tħallsu l-ispejjeż tal-installazzjoni tal-earth electrodes. Il-Kamra qablet.
- jiġi maqtugħ il-ħaxix fi Triq tal-Papa u Triq il-Karmnu.
- li għall-proġett ta' tisbieħ f'Bengħisa, issir bankina biex il-Misraħ jidher aktar pulit u anki biex ma jkunx hemm għalfejn li jitħaffru gandotti fondi biex jiġi nstallat id-dawl għal-lampi. Il-Kamra qablet li tintalab stima għall-materjal u għax-xogħol.
- li jinbeda x-xogħol fuq iz-zebra crossings mixgħula għax hemm bżonnhom ħafna. Il-Kamra qablet li jsiru waħda waħda minħabba l-finanzi u s-Sur S. Zammit se jieħu ħsieb il-pjan u skeda ta' xogħol.

- li jiġi ikkuntattjat il-Perit ta' TM responsabbli minn Nofsinhar biex jiġi mistoqsi fiex wasal il-Proġett ta' Għar Dalam Junction.

- ir-rotta tal-wardens li ħadu ħsiebha tar-Reġjun kienet qed taħdem bħalma kienet qed taħdem ukoll is-sistema ta' informazzjoni li tasal għand il-wardens dwar fejn l-aktar ikunu qed isiru abbużi. Meta ssuġġerixxa li jitqabbdu wkoll il-Green Wardens, is-Segretarju Eżekuttiv informatu li diġa talbet stima għalihom mingħand ir-Reġjun u kienet qed tistenna risposta.

- fakkar il-Kamra li t-22 ta' Settembru kienet 'Car Free Day' u talab li min ikollu xi idejat jgħaddihomlu.

- informa l-Kamra li waħda mill-klerks kienet preparat żewġ templates, waħda biex ir-residenti japplikaw għad-double yellow lines faċċata tal-garaxx u l-oħra għas-sidien tal-ħwienet għal Un/Loading Bay. Il-Kamra qablet li jibdew jintużaw dawn l-applikazzjonijiet biex ir-residenti / sidien tal-ħwienet japplikaw ma' TM direttament f'isimhom.

**5. Il-Kunsillier is-Sur C. Muscat issuġġerixxa li:**

- kull fejn hemm rampa biex jinżlu minnha l-wheelchairs jew pushchairs minn fuq il-bankina għat-triq, issir linja safra ta' 1.5m fit-triq quddiemhom għax ikun hemm karozzi li jipparkjaw eżatt quddiemhom u ma jkunux jistgħu jintużaw. Il-Kamra qablet.

**6. Il-Kunsilliera is-Sinjura B. Pace issuġġeriet li:**

- il-grawnd tal-futbol fil-Bajja s-Sabiħa jinfetaħ għall-pubbliku u l-ħinijiet u l-ġranet jiġu mniżżla fin-notice boards mifruxa ma' Birżebbuġa. Il-Kamra qablet li dan isir fi tmiem il-ġimgħa biss bħala prova.

**7. Is-Sindku, is-Sur J. Farrugia, informa lill-Kamra li :**

- se jibda jkun hemm laqgħat regolari mal-Monitoring Board tal-MEPA rigward il-Power Station u li se jibda jattendi mal-Perit C. Cacopardo u mal-Kunsillier S. Zammit.

**<u>Għeluq</u>**

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| ......................................... | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Marthese Parascandalo** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |